MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 1605/2000/1

**Orazio Mifsud u martu Violet**

**Vs**

**Emanuel Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istanti s-somma ta’ Lm675.77 u b’digriet tat-2 ta’ April 2003 l-ammont gie mibdul ghal Lm708.75 danni in segwitu ghal incident stradali li gara Hal Qormi fit-28 ta’ Gunju 2000 bejn Minibus Nru IMY 296 misjuqa mill-konvenut u Van Isuzu Nru CAC 431 misjuqa mill-attur – prevja dikjarazzjoni li l-konvenut responsabbli ghall-incident u dan minhabba mperizja, mprudenza, negligenza u nosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax mit-23 ta' Awissu 2000 (notifika tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Aiwssu 2000) sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fit-2 ta 'April 2003 u li bih l-ammont mitlub fl-avviz gie mibdul ghal Lm708.75,0 (ara ukoll fol 29 ibid).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, li biha eccepixxa (fol 8 tal-atti):-

1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara tort tal-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami gara fi Triq Valletta f'Hal Qormi, ghall-habta tal-5.30p.m. u kif xehed PS 160 Mario Mifsud (fol 17 et seq ibid) kien hemm zewg vetturi involuti f'dan il-kaz cjoe "Minibus" bin-numru IMY 296 misjuqa mill-konvenut u karozza bin-numru CAC 431 misjuqa mill-attur. Inoltre mill-iskizz esebit minn dan ix-xhud (fol 19 ibid) jidher li l-attur kien qed jsuq l-imsemmija karozza f'Triq Valletta u, meta gara l-incident kien halla, warajh, marki ta' 'brakes' twal tmien metri. In rigward il-'minibus' misjuqa mill-konvenut, deskritt fir-rapport esebit mill-istess xhud (fol 21 ibid) bhala 'Light Goods Vehicle', jidher li l-istess vettura kienet hierga minn Triq Qormi sabiex tidhol fi Triq Valletta billi taghmel 'U turn' lejn ix-xellug. L-istess xhud kien semma' li l-attur kien allega li kien hemm vettura ohra parkeggata fejn hemm markat, bi vlegga, fuq

l-istess skizz, liema fatt pero' gie michud mill-konvenut. Inoltre, l-konvenut kien informah li l-attur ' kien gej isuq'.

Illi <u>l-attur</u> (fol 24 sa fol 26 ibid) spjega li kien hiereg minn Triq Valletta sabiex jidhol f'Triq Qormi u kif kien qed jesegwixxi din il-manuvra "…. Giet karozza fuqi misjuqa mill-konvenut", liema vettura kien di gja raha, qabel il-habta, waqt li qed taqsam minn Triq Qormi. Hu kompla biex jghid, b'referenza ghall-posizzjoni tal-karozza tieghu kif murija fuq l-iskizz, illi "kont lejn il-lemin tat-triq" minhabba karrozzi parkeggati fuq in-naha tax-xellug tieghu waqt li, hemmhekk, tinsab triq gdida b'rampa li taghti ghal Triq Valletta u tasal sa nofs l-istess triq (ara dak indikat b'salib, mill-istess attur fuq l-istess skizz).

<u>Illi</u> <u>l-konvenut</u> (fol 34 u fol 35 ibid) kien gej minn Triq Qormi sabiex jdur il-liwja murija fl-istess skizz u, permezz uta' "U-turn" ukoll, jidher fi Triq Valletta. Kif kien qed jdur "u kelli, diga l-mudguard tax-xellug l-barra ….", hu sema hoss ta' brake u ghalhekk waqaf. Meta hares lejn ix-xellug hu kien innota li l-attur kien qed jdawwar l-steering, ghal diversi drabi, kemm lejn naha kemm lejn ohra. Konsegwentement il-vettura l-ohra tal-marka 'Isuzu Pickup' laqtet tieghu fuq quddiem u fuq il-'mudguard' tax-xellug. Il-konvenut jsostni li l-attur kien qed jsuq 'bis-sahha' tant li l-'minibus' misjuqa minnu 'iddawret lejn il-lemin' u li l-istess attur kien qed jsuq il-vettura tieghu 'fuq in-naha tax-xellug tat-triq '('kwazi ghal kollox') u mhux kif suppost fuq in-naha tal-lemin. In rigward dan hu esebixxa r-ritratt a fol 36 tal-atti sabiex juri l-lokalita' tal-incident specifikatament it-triq minn fejn kien niezel (dik fuq ix-xellug) u Triq Valletta (indikata bi vlegga) oltre l-liwja li semmiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-valutazzjoni tal-provi kollha prodotti u kif hawn fuq sintetizzati, il-Qorti hi tal-fehma li dan hu kaz fejn iz-zewg sewwieqa involuti <u>kkontribixxew</u> sabiex, permezz tas-sewqan taghhom, issehh din il-habta. L-attur, effettivament u 'ex admissis' kien qed jsuq meta qed javvicinaw liwja, '<u>lejn il-lemin tat-triq</u>' liema fatt hu

korroborat mill-imsemmi skizz, b'mod specjali minn fejn jibdew il-marki ta' brakes li huma indizju ta' dan il-fatt. L-attur spejga dan billi pprova jiggustifika l-istess fatt a basi ta' karozzi parkeggati fuq ix-xellug tieghu u a basi ta' dik ir-rampa fuq l-istess naha u li tisporgi ghal fuq Triq Valletta. Dwar dan, pero' ghandu jinghad li kien jinkombi fuqu sabiex jsuq b'mod aktar prudenti waqt li qed javvicina l-istess liwja. Da parti tal-konvenut, kien jkun prudenti da parti tieghu li jieqaf kif wasal sabiex jdur mal-istess liwja u jespora jekk kienux gejjin vetturi kemm minn Triq Valletta kemm mill-lemin tieghu. Difatti hu xehed li waqaf, biss, meta sema hoss ta' brake waqt li mill-iskizz, mhux kontestat minnu jidher evidenti li meta waqaf kien di gja kwazi dar ghal kollox mal-istess liwja u lejn il-lemin tieghu.

Illi fid-dawl tal-premess, il-Qorti hi tal-fehma "arbitro boni visi" li <u>nofs (1/2) ir-responsabilta</u> ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, dwar il-quantum ta' hsarat pretiz u li ma giex kontestat (ara d-digriet imsemmi moghti fit-2 ta' April 2003) waqt li jinghad ukoll li l-attur ma ppresentax il-kontijiet relattivi ghar-riparazzjonijiet esegwiti u mhallsin minnu (ara ukoll ir-raba (4) u hames (5) paragrafi tan-nota tal-konvenut a fol 29 ibid u s-survey report anness mal-istess nota).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli, kwantu ghal nofs (1/2) ghall-incident in esami minhabba dak premess hawn fuq;

2) tillikwida l-ammont ta 'danni fis-somma ta' Lm708.75,0 u;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess is-somma ta' Lm354.37,0 bl-imghax legali mid-data tallum stess sal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-21 ta’ Awissu 2000 u tal-20 ta’ Novembru 2000, imsemmi fl-avviz, dawn jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------